



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.9.2020
SWD(2020) 303 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

**Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt
Kapitolu għall-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fid-Danimarka**

Li jakkumpanja d-dokument

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt
Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea**

{COM(2020) 580 final} - {SWD(2020) 300 final} - {SWD(2020) 301 final} -
{SWD(2020) 302 final} - {SWD(2020) 304 final} - {SWD(2020) 305 final} -
{SWD(2020) 306 final} - {SWD(2020) 307 final} - {SWD(2020) 308 final} -
{SWD(2020) 309 final} - {SWD(2020) 310 final} - {SWD(2020) 311 final} -
{SWD(2020) 312 final} - {SWD(2020) 313 final} - {SWD(2020) 314 final} -
{SWD(2020) 315 final} - {SWD(2020) 316 final} - {SWD(2020) 317 final} -
{SWD(2020) 318 final} - {SWD(2020) 319 final} - {SWD(2020) 320 final} -
{SWD(2020) 321 final} - {SWD(2020) 322 final} - {SWD(2020) 323 final} -
{SWD(2020) 324 final} - {SWD(2020) 325 final} - {SWD(2020) 326 final}

RIASSUNT

Il-ġudikatura Daniża tgawdi minn livell perċepit għoli ta' indipendenza u fl-2019 ittieħdu xi passi biex jittejjeb aktar il-qafas għal miżuri dixxiplinari u r-responsabbiltà tal-imħallfin. Is-sistema ġudizzjarja hija kkaratterizzata minn livell tajjeb ta' effiċjenza, minkejja żieda żgħira fid-"disposition time" f'dawn l-aħħar snin. Fl-istess ħin, il-partijiet ikkonċernati qajmu xi tħassib dwar in-nuqqas ta' riżorsi suffiċjenti u għad fadal xi sfidi fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni tal-ġudikatura. Diversi inizjattivi mill-Gvern u mill-Amministrazzjoni Nazzjonali tal-Qrati għandhom l-għan li jindirizzaw dawn l-isfidi, inkluż permezz ta' proġett li juża għodod diġitali biex jimmonitorja t-tul medju tal-kawżi pendenti.

Skont stħarriġ, id-Danimarka hija meqjusa bħala waħda mill-pajjiżi l-anqas korrotti fl-UE u fid-dinja. Għalkemm id-Danimarka m'għandha l-ebda strateġija jew aġenzija ddedikata kontra l-korruzzjoni, hija stabbiliet Forum Kontra l-Korruzzjoni li jtejjeb il-koordinazzjoni għall-awtoritajiet biex jipproduċu l-arranġamenti tagħhom stess kontra l-korruzzjoni. L-istituzzjonijiet pubbliċi Daniżi bnew reputazzjoni għal amministrazzjoni trasparenti u qafas ta' prevenzjoni tal-korruzzjoni affidabbli u funzjonali. Aspett ċentrali tas-sistema ta' integrità huwa l-livell baxx ta' formalizzazzjoni tar-regoli kontra l-korruzzjoni dwar l-etika u l-integrità, bi fteit regolamenti u miżuri ta' kontroll biex tiġi evitata l-korruzzjoni, b'mod partikolari għal funzjonijiet eżekuttivi ewlenin. Ir-rekord tad-Danimarka tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet internazzjonali reċenti, b'mod partikolari dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi u s-sorveljanza tal-membri tal-Parlament, huwa limitat.

L-awtorità regolatorja nazzjonali tal-media, il-Bord Daniż tar-Radju u t-Televiżjoni, topera b'mod indipendenti u għandha struttura organizzattiva bsaħħitha. Ma hemm l-ebda liġijiet speċifiċi li jirregolaw it-trasparenza tas-sjieda tal-media iżda r-Reġistru Kummerċjali Ċentrali jista' jintuża biex jaċċessa xi informazzjoni. Ġew introdotti ċerti eċċezzjonijiet għall-Att dwar l-Aċċess għad-Dokumenti Amministrattivi Pubbliċi, li parzjalment jillimitaw id-dritt għall-aċċess għall-informazzjoni fil-prattika. Ġiet stabbilita Kummissjoni speċifika dwar il-Libertà tal-Espressjoni bil-għan li tippromwovi d-dibattitu dwar il-qafas u l-kundizzjonijiet ġenerali għal-libertà tal-espressjoni, libertà li hija protetta mill-konstituzzjoni u li diġà tibbenefika mir-robustezza tat-tradizzjoni demokratika u tal-istituzzjonijiet fid-Danimarka.

Is-sistema ta' kontrolli u bilanċi hija kkaratterizzata minn proċess inklużiv għall-promulgazzjoni ta' leġislazzjoni b'qafas komprensiv għat-tnejn ta' leġislazzjoni, inkluża l-konsultazzjoni tal-partijiet ikkonċernati. L-Ombudsman Parlamentari għandu rwol stabbilit sew fl-iżgurar tas-sorveljanza fuq id-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi. Kampanji reċenti mill-Amministrazzjoni Nazzjonali tal-Qrati għandhom l-għan li jżidu l-għarfien dwar l-importanza tal-istat tad-dritt u tar-rwol tal-ġudikatura, inkluż permezz ta' filmati edukattivi, kurrikuli għall-għalliema u sit web iddedikat għall-ġurnalisti. L-Istitut Daniż għad-Drittijiet tal-Bniedem jiżgura l-involviment ta' firxa wiesgħa ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili permezz tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem, li għandu funzjoni konsultattiva ewlenija.

I. IS-SISTEMA ĠUDIZZJARJA

Is-sistema ġudizzjarja Daniża tikkonsisti minn 24 qorti distrettwali, żewġ qrati għolja (qrati tal-appell) u Qorti Suprema, kif ukoll żewġ qrati speċjalizzati¹. L-amministrazzjoni Nazzjonali indipendenti tal-Qorti hija responsabbli għall-amministrazzjoni u l-iżvilupp tal-qrati, li tinkludi l-allokkazzjoni tal-baġits tal-qrati u l-ġestjoni tal-bini u tas-sistemi tal-ICT. Il-Kunsill għall-Ħatriet Ġudizzjarji indipendenti² jagħmel proposti mhux vinkolanti għall-ħatra ta' mħallfin fil-Ministeru tal-Ġustizzja, li mbagħad jipproponihom għal ħatra formali mill-eżekuttiv (ir-Regina)³. Jiġi propost imħallef wieħed biss għal kull post vakanti mill-Kunsill tal-Ħatriet. Ma kienx hemm każijiet li fihom l-eżekuttiv ma segwiex il-proposta tal-Kunsill għall-Ħatriet. Għat-trasparenza, il-Kunsill tal-Ħatriet Ġudizzjarji joħroġ stqarrija għall-istampa meta jagħmel il-proposta tiegħu għal post battal. Is-Servizz tal-Prosekuzzjoni huwa istituzzjoni awtonoma li taġixxi taħt is-superviżjoni tal-Ministeru tal-Ġustizzja u li huwa mmexxi minn Prosekutur Ġenerali⁴. Il-Kamra tal-Avukati hija l-korp indipendenti li jirregola l-professjoni legali u li jiżgura l-indipendenza tagħha⁵.

Indipendenza

Il-ġudikatura tgawdi minn livell għoli ħafna ta' perċezzjoni ta' indipendenza. B'mod ġenerali, 86 % tal-pubbliku ġenerali u 80 % tal-kumpaniji jqisu li l-indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin għandha tkun "pjuttost tajba jew tajba ħafna", b'perċentwal notevolment għoli mill-pubbliku ġenerali (41 %) meta wieħed iqis l-indipendenza bħala "tajba ħafna". Dawn iċ-ċifri kienu ġeneralment stabbli f'livell għoli mill-2016 għall-pubbliku ġenerali u huma konsistenti bl-istess mod għan-negozji mill-2010⁶.

Ittieħdu diversi miżuri biex jissaħħaħ il-qafas ta' responsabbiltà għall-imħallfin u s-salvagwardji tiegħu. Jeżistu żewġ tipi ta' miżuri dixxiplinarji għall-imħallfin: il-presidenti tal-qorti jistgħu joħroġu twissija lil imħallef għal negliġenza jew traskuraġni fil-prestazzjoni tiegħu, filwaqt li l-Qorti Speċjali tal-Akkuża u r-Revizjoni⁷ tista' toħroġ twissijiet, timponi multi u f'każ ta' mġiba ħażina ħafna, tkeċċi mħallef jew tissospendih jekk ikunu ġew istitwiti

¹ Il-Qorti Marittima u Kummerċjali u l-Qorti tar-Reġistrazzjoni tal-Art. CEPEJ (2020), Studju dwar il-funzjonament tas-sistemi ġudizzjarji fl-Istati Membri tal-UE.

² Il-membri jinħatru mill-Ministru tal-Ġustizzja u jkunu jikkonsistu minn imħallef tal-Qorti Suprema wieħed u minn imħallef tal-Qorti Għolja wieħed proposti mill-qrati rispettivi, imħallef tal-Qorti Distrettwali wieħed propost mill-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin, avukat wieħed propost mill-Kamra tal-Avukati u żewġ rappreżentanti tal-pubbliku ġenerali proposti mill-Gvern Lokali tad-Danimarka u l-Assoċjazzjoni Daniża tal-Edukazzjoni tal-Adulti.

³ Bl-eċċezzjoni tal-president tal-Qorti Suprema, li jintgħażel u jinħatar direttament mill-Qorti Suprema skont proċedura interna. Barra minn hekk, fir-rigward tal-membri tal-Qorti Suprema, il-liġi tistabbilixxi proċedura speċjali li taħtha, qabel ma tiġi kkonfermata l-ħatra, l-kandidat magħżul mill-bord tal-ħatriet jiġi eżaminat minn imħallfin tal-Qorti Suprema.

⁴ Il-Prosekutur Ġenerali jinħatar mill-eżekuttiv (formalment ir-Regina) wara rakkomandazzjoni tal-Ministru tal-Ġustizzja wara l-approvazzjoni tal-Bord tar-Reklutaġġ tal-Gvernijiet u jista' jitkeċċa wara rakkomandazzjoni motivata mill-Ministru tal-Ġustizzja (f'dan il-każ tal-aħħar ir-rakkomandazzjoni tiġi ppreżentata direttament lir-Regina).

⁵ L-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, it-Taqsima 15.

⁶ Il-Figuri 44, 46 u 48, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2020. Il-livell ta' perċezzjoni ta' indipendenza ġudizzjarja huwa kategorizzat kif ġej: baxx ħafna (anqas minn 30 % ta' dawk li wiegħbu jipperċepixxu l-indipendenza ġudizzjarja bħala tajba u tajba ħafna); baxx (bejn 30 u 39 %), medju (bejn 40 u 59 %), għoli (bejn 60 u 75 %), għoli ħafna (aktar minn 75 %).

⁷ Il-Qorti Speċjali ta' Akkuża u ta' Reviżjoni hija magħmula minn Qorti Suprema waħda, il-Qorti Għolja u l-Qorti Distrettwali kull wieħed, avukat u professur tal-liġi, maħtura mill-eżekuttiv dwar in-nomina mill-ġudikatura (għall-imħallfin membri) u l-Kamra tal-Avukati (għall-avukat).

proċedimenti kriminali kontra l-imħallef⁸. Mill-2019, twissija mogħtija minn president tal-qorti tista' wkoll tiġi appellata quddiem il-Qorti Speċjali tal-Akkuża u r-Revizjoni⁹, biż-żieda ta' salvagwardja addizzjonali mas-sistema, li hija konsistenti mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa¹⁰. Din ir-riforma ġiet attivata fost l-oħrajn mill-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin, fuq il-bażi ta' każ speċifiku li fih imħallef kien irċieva twissija minn President li l-imħallef ikkunsidrat bħala infondat, iżda ma kellu l-ebda possibbiltà ta' rieżami. Żvilupp rilevanti ieħor rigward il-qafas ta' responsabbiltà għall-imħallfin huwa l-adozzjoni mill-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin (f'kooperazzjoni mal-Amministrazzjoni Nazzjonali tal-Qrati) ta' kummenti interpretattivi ta' spjegazzjoni lil-linji gwida etiċi għall-imħallfin. Il-kummenti, adottati fl-2019, jispeċifikaw aktar il-linji gwida etiċi għall-2014 għall-imħallfin billi jipprovdu eżempji konkreti għall-applikazzjoni tagħhom. Dan iwieġeb ukoll għal rakkomandazzjoni mill-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni (GRECO)¹¹.

Is-setgħa tal-Ministru tal-Ġustizzja li joħroġ struzzjonijiet lis-servizz tal-prosekuzzjoni f'każijiet individwali hija akkumpanjata minn salvagwardji u mhux użata fil-prattika. Skont l-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, il-Ministru tal-Ġustizzja jista' joħroġ linji gwida ġenerali għal kif il-prosekuzzjoni twettaq il-kompiti tagħha, kif ukoll tagħti struzzjonijiet lill-prosekuturi f'każijiet individwali, li jistgħu jinkludu struzzjoni li ma ssirx prosekuzzjoni.¹² L-istruzzjoni trid tinħareġ bil-miktub, tkun motivata, u tintbagħat lill-Ispjaker tal-Parlament bil-miktub¹³. Fil-prattika, skont l-awtoritajiet, jidher li kien hemm każ wieħed biss ta' tali struzzjoni mill-Ministru tal-Ġustizzja, li seħħ fl-1995, fejn il-Prosekutur Ġenerali kien ineliġibbli li jagħti struzzjoni minħabba kunflitt ta' interess. Din il-prattika, flimkien mas-salvagwardji legali fis-seħħ, jidher li jimmitigaw ir-riskju għall-awtonomija tal-prosekuzzjoni¹⁴. Wara l-każistika reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew¹⁵, l-eżistenza ta' dan id-dritt ta' struzzjoni wasslet lid-Danimarka biex fl-2020 tbiddel il-proċedura tagħha għall-ħruġ ta' tali mandati ta' arrest¹⁶.

⁸ Id-deċiżjonijiet mill-Qorti Speċjali tal-Akkuża u r-Reviżjoni jistgħu jiġu appellati quddiem il-Qorti Suprema. L-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, it-Taqsima 48-49.

⁹ L-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, it-Taqsima 48a.

¹⁰ Ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec (2010)12 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa, paragrafu 69. Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Lulju 2018, LM, C-216/18 PPU, paragrafu 67.

¹¹ GRECO Fourth Evaluation Round, ir-Rakkomandazzjoni v, li GRECO issa tqis li hija implimentata b'mod sodisfaċenti. GRECO Fourth Evaluation Round - *Interim Compliance Report*, p. 5. Ara wkoll QEDB, is-sentenza tad-9 ta' Jannar 2013, *Oleksandr Volokov vs l-Ukrajna*, ir-Rikors Nru 21722/11, §§ 175-179.

¹² L-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, it-Taqsima 98(3). B'mod separat, hemm każijiet li fihom il-Ministru tal-Ġustizzja jrid bil-liġi jiddeċiedi jekk każ għandux jiġi pproċessat jew le, inkluż għal reati relatati mat-terroriżmu, tradiment u reati kontra l-istat, l-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, il-Kapitolu 12.

¹³ Il-Figura 55, Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2020.

¹⁴ Skont ir-Rakkomandazzjoni Rec(2000)19 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa, paragrafu 13(d), "fejn il-gvern għandu s-setgħa li jagħti struzzjonijiet li jħarrku każ speċifiku, dawn l-istruzzjonijiet għandhom iġorru magħhom garanziji adegwati li t-trasparenza u l-ekwità huma rispettati skont il-liġi nazzjonali". Fir-rigward tas-salvagwardji, paragrafu 13 (il-punti d u e).

¹⁵ Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-27 ta' Mejju 2019 fil-Kawżi Magħquda OG , C-508/18 u PI , C-82/19 PPU.

¹⁶ Mill-15 ta' Frar 2020, il-qrati huma l-unika awtorità kompetenti biex toħroġ Mandat ta' Arrest Ewropew. L-Att dwar l-Estradizzjoni ta' Trasgressuri, it-Taqsima 46 u 47. Ara wkoll ir-Rapport mill-Kummissjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri, p. 5-6.

Kwalità

Inħoloq xi tħassib dwar in-nefqa li qed tonqos għas-sistema ġudizzjarja. In-nefqa tad-Danimarka fuq il-qrati bħala perċentwal tal-PDG hija baxxa u naqset f'dawn l-aħħar snin¹⁷. L-ġhadd ta' imħallfin għal kull abitant huwa wkoll b'mod partikolari baxx¹⁸. Rapport tal-2020 mill-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin dwar "Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-imħallfin" jipprovdi analiżi dettaljata tal-ammont ta' xogħol tal-imħallfin, fejn enfasizza li l-ġhadd ta' imħallfin staġnat u r-riżorsi tnaqqsu bil-mod mill-2011, filwaqt li l-volum ta' każijiet żdied¹⁹. B'mod partikolari, inħoloq tħassib dwar it-tnaqqis fil-persunal tal-qorti, li jpoġġi piż tax-xogħol oġhla fuq l-imħallfin. F'Ġunju 2020, il-Gvern ta finanzjament addizzjonali lill-qrati biex jittrattaw żieda fl-arretrati minħabba l-ġheluq tal-qrati matul il-pandemija tal-COVID-19, li tipprevedi karigi addizzjonali għall-imħallfin²⁰.

Xi inizjattivi biex jiġu indirizzati l-isfidi pendenti rigward id-diġitalizzazzjoni tal-ġudikatura għadhom għaddejjin. Mezzi elettroniċi għall-preżentazzjoni ta' kawża u tahrík online u biex jiġu segwiti l-istadji tal-proċedimenti huma disponibbli biss sa grad limitat fil-qrati²¹. Filwaqt li s-sentenzi tat-tielet istanza kollha huma ppubblikati, dan huwa biss parzjalment il-każ għal sentenzi tal-ewwel u t-tieni istanza u l-arranġamenti għall-leġġibbiltà mill-magni tas-sentenzi huma limitati²². Skont informazzjoni mill-Amministrazzjoni tal-Qrati Nazzjonali, qed titħejja bażi ta' *data* komprensiva ta' sentenzi, inkluża l-anonimizzazzjoni tas-sentenzi, għall-2021. L-Amministrazzjoni Nazzjonali tal-Qrati qed timplimenta wkoll proġett biex tuża għodod diġitali biex timmonitorja t-tul medju tal-kawżi pendenti, li għandu l-għan li jgħin biex fil-futur ikun hemm każijiet ta' ġestjoni tal-każijiet futuri²³.

Effiċjenza

Is-sistema ġudizzjarja tittratta l-volum ta' kawżi tagħha b'mod effiċjenti, iżda r-rata tal-ikklijar naqset xi ftit. Iż-żmien stmat biex jiġu solvuti kawżi ċivili, kummerċjali, amministrattivi u oħrajn huwa baxx ħafna, u jibqa' taħt il-medja għall-kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi fil-każijiet kollha, għalkemm żdied bi ftit f'dawn l-aħħar snin²⁴. Fl-istess ħin, ir-rata tal-ikklijar għal kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi naqset xi ftit f'dawn l-aħħar snin, u naqset minn 102 % fl-2017 għal 95 % fl-2018 u 94 % fl-2019. L-ġhadd ta' każijiet pendenti għadu baxx, b'mod partikolari għall-kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi²⁵.

¹⁷ In-nefqa għal kull abitant hija f'livell medju, iżda naqset b'mod konsistenti wkoll mill-2012. Il-Figuri 32 u 33, Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2020.

¹⁸ Il-Figura 35, Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2020.

¹⁹ L-Assoċjazzjoni Daniża tal-Imħallfin, il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-imħallfin, p. 5-8.

²⁰ Il-Komunikat tal-Ministeru tal-Ġustizzja tal-24 ta' Ġunju 2020, Imħallfin ġodda jridu jtaffu l-pressjoni fuq il-qrati.

²¹ Il-Figura 27, Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2020.

²² Il-Figuri 28 u 29, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2020.

²³ Kontribut mid-Danimarka għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, p.10.

²⁴ Ma hi disponibbli ebda *data* separata dwar każijiet amministrattivi.

²⁵ Il-Figuri 5-15, Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2020. Id-*data* tal-2019 dwar ir-rata tal-ikklijar tinsab fuq: Il-Qrati Daniżi, il-Kawżi Ċivili.

II. QAFAS KONTRA L-KORRUZZJONI

Is-sistema ta' kontra l-korruzzjoni hija fil-biċċa l-kbira bbażata fuq regoli informali dwar l-etika u l-integrità kif ukoll in-normi soċjali u l-iskrutinju pubbliku. Diversi awtoritajiet huma involuti fil-prevenzjoni tal-korruzzjoni, il-promozzjoni ta' prattika amministrattiva tajba u l-konformità mal-qafas legali. Dan jinkludi fost l-oħrajn l-Awtorità ta' Sorveljanza Finanzjarja, l-Ombudsman Parlamentari u l-Awditur Ġenerali. L-Aġenzija tal-Impjegat u l-Kompetenza u l-Uffiċċju tal-Prim Ministru għandhom responsabbiltajiet fir-rigward tal-promozzjoni tal-integrità fost il-ħaddiema taċ-ċivil u l-Ministri. Unità speċjalizzata għall-korruzzjoni u każijiet ta' tixħim barrani tal-Prosekutur tal-Istat għall-Kriminalità Ekonomika u Internazzjonali Serja għandha kompetenzi speċjali biex tinvestiga każijiet ta' korruzzjoni serji. Il-prevenzjoni tal-korruzzjoni hija rregolata b'mod wiesa' għall-impjegati taċ-ċivil, iżda bħalissa d-Danimarka ma għandha l-ebda liġi speċifika li tiproteġi lill-informaturi.

Id-Danimarka tikklassifika fil-ewwel post kemm fl-Unjoni Ewropea kif ukoll fid-dinja fl-Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni Internazzjonali tat-Trasparenza²⁶. Ħamsa u tletin fil-mija biss ta' dawk li wiegħbu għall-istħarriġ tal-Ewrobarometru jikkunsidraw li l-korruzzjoni hija mifruxa ħafna (il-medja tal-UE: 72 %) u 7 % biss jgħidu li huma affettwati personalment mill-korruzzjoni fil-ħajja tagħhom ta' kuljum (il-medja tal-UE: 26 %). Fir-rigward tan-negozji, 16 % tal-kumpaniji jqisu li l-korruzzjoni hija mifruxa ħafna (medja tal-UE: 63 %) u 5 % biss tal-kumpaniji jqisu li l-korruzzjoni hija problema meta jsir in-negozju (il-medja tal-UE: 37 %). 25 % tan-nies isibu li hemm biżżejjed prosekuzzjonijiet li rnexxew biex jiskoraġġixxu persuni minn prattiki korrotti (il-medja tal-UE: 36 %) filwaqt li 51 % tal-kumpaniji jqisu li l-persuni u n-negozji li jinqabdu għat-tixħim ta' uffiċjal għoli jiġu kkastigati b'mod xieraq (il-medja tal-UE: 31 %)²⁷.

Il-Kodiċi Kriminali Daniża tikkriminalizza l-korruzzjoni u reati relatati. Is-sanzjoni kriminali fir-rigward ta' tixħim attiv u tixħim passiv²⁸ fis-settur pubbliku hija multa jew priġunerija sa sitt snin u fir-rigward ta' tixħim fis-settur privat²⁹, multa jew priġunerija sa erba' snin. Fir-rigward ta' persuni ġuridiċi, jistgħu jiġu imposti multi fuq persuni ġuridiċi fir-rigward ta' reat skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali³⁰. Fl-2018, id-Danimarka adottat emenda tal-Kodiċi Penali dwar il-ħasil tal-flus, li żżid il-piena applikabbli (għal piena massima ta' bejn 6 u 8 snin)³¹.

Id-Danimarka rrevediet l-approċċ ġenerali tagħha lejn l-infurzar u ħolqot unità speċjalizzata għal każijiet ta' korruzzjoni u ta' tixħim barrani fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjali għal kriminalità ekonomika (SØIK) fl-2014. Il-Pulizija, is-Servizz tal-Prosekuzzjoni u unità speċjalizzata fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjali għal kriminalità ekonomika (SØIK) huma l-awtoritajiet rilevanti għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-korruzzjoni. SØIK huwa dipartiment ta' prosekuzzjoni speċjalizzata li jiffunzjona wkoll bħala korp ta' koordinazzjoni. SØIK jospita wkoll l-unità nazzjonali ta' intelligence finanzjarja u sa mill-2015, għandu unità għal każijiet internazzjonali, inklużi każijiet li jikkonċernaw it-tixħim ta' uffiċjali pubbliċi barranin³². Fl-pulizija, kien hemm tisħiħ reċenti tal-proċeduri ta'

²⁶ Transparency International (2020), 2019 Corruption Perceptions Index.

²⁷ Ewrobarometru Flash 482 (2019), L-attitudnijiet ta' negozji lejn il-korruzzjoni fl-UE.

²⁸ Kodiċi Kriminali. It-Taqsima 122 u t-Taqsima 144.

²⁹ Kodiċi Kriminali. It-Taqsima 299 (2).

³⁰ It-Taqsima 306 ara t-Taqsima 2

³¹ *Folketinget* (il-Parlament Daniż), l-Att Nru 711 mill-2018.

³² UNCAC (2017), UNCAC implementation review – country review report of Denmark.

akkwist u sforzi biex l-uffiċjali tal-pulizija jiġu infurmata u mħarrġa dwar il-Kodiċi ta' Etika adottat fl-2015³³. Sistema ta' informatur stabbilita fl-2019 tippermetti r-rappurtar ta' reati kriminali u ksur tal-liġi amministrattiva, inklużi kunflitti ta' interess. Iċ-ċittadini jistgħu jindirizzaw ilmenti lill-Awtorità Indipendenti għall-Ilmenti mill-Pulizija, li teżegwixxi sorveljanza esterna u kontroll tal-Pulizija u tas-Servizz ta' Prosekuzzjoni³⁴. Madankollu, GRECO rrakkomanda li l-awtoritajiet janalizzaw il-ħtieġa għall-introduzzjoni ta' rekwiżit għall-uffiċjali tal-pulizija biex jiddikjaraw interessi finanzjarji fuq bażi regolari, kif ukoll miżuri biex jiżied l-għarfien fost il-persunal tal-pulizija dwar id-dmir tagħhom li jirrapportaw imġiba ħażina relatata mal-korruzzjoni fis-servizz tal-pulizija³⁵.

Id-Danimarka ma għandhiex entità dedikata għall-promozzjoni tal-integrità u l-prevenzjoni tal-korruzzjoni, iżda pjuttost diversi awtoritajiet b'kompiti distinti. Filwaqt li d-Danimarka ma għandhiex aġenzija jew strateġija ddedikata kontra l-korruzzjoni, hija stabbilit Forum Kontra l-Korruzzjoni³⁶ li jiltaqa' fuq bażi *ad hoc* għall-awtoritajiet biex itejbu l-koordinazzjoni u jikkondividu l-informazzjoni. Il-ministeri jikkooperaw u jabbozzaw liġijiet kontra l-korruzzjoni. L-awtorità tas-Sorveljanza Finanzjarja ħarġet gwida, manwali u struzzjonijiet dwar il-kondotta etika u l-aspetti finanzjarji tal-għieda kontra l-korruzzjoni. L-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali jivverifika l-istituzzjonijiet tal-istat u jeżamina l-ispejjeż li ngħataw mandat mill-Parlament u minn Kumpaniji tal-Istat. Barra minn hekk, awtoritajiet oħra bħall-Impjegat u l-Aġenzija ta' Kompetenza fil-Ministeru tat-Taxxa u l-Uffiċċju tal-Prim Ministru għandhom kompiti relatati mal-promozzjoni tal-integrità u l-prevenzjoni tal-korruzzjoni relatati mal-ġestjoni tal-amministrazzjoni pubblika³⁷. It-tradizzjoni tad-Danimarka ta' standards etiċi għoljin u ta' trasparenza fil-proċeduri pubbliċi wasslet għal ffit regoli formali jew miżuri ta' kontroll għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni, b'mod partikolari għall-persuni fdati bil-funzjonijiet eżekuttivi ewlenin, u l-GRECO rrakkomanda li jiġu fformulati regoli li huma aktar vinkolanti³⁸.

L-Aġenzija tal-Impjegati u l-Kompetenza ħarġet kodiċijiet ta' kondotta għall-impjegati taċ-ċivil filwaqt li l-ministri jingħataw gwida dwar kwistjonijiet ta' integrità mal-ħatra. Verżjoni riveduta tal-Kodiċi ta' Kondotta fis-settur pubbliku ppubblikata f'Diċembru 2017 fiha regoli dwar l-impjeg sekondarju u rekwiżit ta' *decorum* għall-impjegati pubbliċi. Fl-2017 l-Aġenzija tal-Impjegat u ta' Kompetenza ppubblikat "Kodiċi ta' Kondotta fis-Settur Pubbliku" u fl-2015 il-"Kodiċi VII – 7 dmirijiet ewlenin" riveduti li jstabbilixxu standards etiċi u regoli ta' kondotta għall-impjegati pubbliċi. Biex dawn jiġu kkumplimentati, ġew żviluppati korsijiet ta' taġħlim elettroniku għall-impjegati kollha tal-amministrazzjoni ċentrali. Madankollu, dawn il-kodiċijiet ma japplikawx għall-ministri li huma pprovduti b'manwal bi gwida dwar kwistjonijiet ta' integrità mal-ħatra. Barra minn hekk, id-Danimarka ma għandha l-ebda kodiċi ta' etika għall-parlamentari jew għall-funzjonijiet eżekuttivi ewlenin³⁹, għalkemm dawn huma indirizzati f'ittra pubblika lill-Membri tal-Parlament li tinfirmahom dwar ir-responsabbiltajiet tagħhom fir-rigward tal-kondotta etika u li jiddefendu

³³ GRECO Fifth Evaluation Round – Evaluation Report.

³⁴ GRECO Fifth Evaluation Round – Evaluation Report, p 48.

³⁵ GRECO Fifth Evaluation Round – Evaluation Report, ir-Rakkomandazzjonijiet xiii u xiv.

³⁶ Jgħaqqad flimkien ir-rappreżentanti tal-Ministeru tal-Ġustizzja, il-Prosekutur Ġenerali, is-SØIK, il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, il-Ministeru tal-Finanzi, eċċ. bil-għan li jittejbu l-koordinazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet fil-kuntest tal-għieda kontra l-korruzzjoni.

³⁷ GRECO Fifth Evaluation Round – Evaluation Report, p. 17.

³⁸ GRECO Fifth Evaluation Round – Evaluation Report.

³⁹ Kodiċi ta' kondotta bit-titolu "Imġiba tajba fis-settur pubbliku", imqassam lill-uffiċjali pubbliċi kollha. L-għan ta' din il-pubblikazzjoni huwa li jiġu ċċarati d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet bażiċi għall-impjegati tas-settur pubbliku.

l-fiduċja tal-pubbliku. Il-GRECO rrakkomanda li jiġu żviluppata kodiċijiet ta' kondotta kemm għall-Membri tal-Parlament kif ukoll għall-membri tal-Gvern, b'mod partikolari fir-rigward tal-kunflitti ta' interess, u li tiġi żviluppata strateġija ġenerali għall-integrità tal-persuni bl-oġha funzjonijiet eżekuttivi⁴⁰.

L-Amministrazzjoni Pubblika hija marbuta b'regoli dwar l-imparzjalità, li jinvolvu d-dmir li tirrapporta kwalunkwe kunflitt ta' interess potenzjali. Skont l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, kwalunkwe persuna impjegata minn, jew li taġixxi f'isem korp ta' amministrazzjoni pubblika, hija skwalifikata milli tiġi involuta f'każ partikolari, li tista' tqajjem dubji dwar l-imparzjalità. Sabiex jiġu evitati l-kunflitti ta' interess, il-Ministri huma meħtieġa jirrinunzjaw għal kwalunkwe okkupazzjoni (bi ħlas jew mingħajr ħlas) f'kumpanija privata jew pubblika meta jieħdu l-kariga⁴¹. Madankollu, dan ma jinkludix impjeg indipendenti, interessi finanzjarji, okkupazzjonijiet onorarji jew dawk assoċjati mal-partit politiku ta' ministru. Għalkemm id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika huma applikabbli għall-Ministri, dan iħallilhom diskrezzjoni konsiderevoli biex jirrapportaw kunflitt ta' interess potenzjali jew apparenti, mingħajr ma jipprovdu ħafna gwida. Barra minn hekk, ma fihiex miżuri ta' infurzar⁴². Għall-Membri tal-Parlament, ma hemm l-ebda definizzjoni ġenerali ta' kunflitt ta' interessi u l-qafas attwali ma jipprovdi mekkaniżmu ta' rappurtar. GRECO rrakkomanda l-introduzzjoni ta' rekwiżit ta' żvelar *ad hoc* meta jista' jitfaċċa kunflitt fir-rigward ta' kwistjoni li tkun qed tiġi kkunsidrata fi proċedimenti parlamentari⁴³.

Filwaqt li jeżistu sistemi ta' dikjarazzjoni tal-assi, dawn mhumiex ikkontrollati jew infurzati b'mod sistematiku. Għall-Membri tal-Parlament, reġistrazzjoni pubblika regolari ta' xogħlijiet u interessi finanzjarji teżisti u hija soġġetta għal skrutinju pubbliku fis-sit web tal-Parlament. Madankollu, il-GRECO rrakkomanda li fejn meħtieġ, jiġu żgurati standards ta' kondotta li huma applikabbli għalihom⁴⁴. Filwaqt li l-konformità tal-Membri tal-Parlament mar-reġistru tal-interessi ekonomiċi ġeneralment hija għolja, din mhijiex kompluta⁴⁵. Bl-istess mod, ma hemm l-ebda regola ġenerali rigward id-dmir li jiġu ddikjarati interessi finanzjarji għal impjegati taċ-ċivil ta' livell għoli, għalkemm il-ministri kollha huma meħtieġa jiddikjaraw l-interessi finanzjarji tagħhom fuq il-bażi ta' formola standard li għandha tiġi ppreżentata meta tidħol fil-kariga u aġġornata kull sena. L-iskema mhijiex ibbażata fuq leġiżlazzjoni, iżda gvernijiet suċċessivi kkonformaw mar-reġim bħallikieku obligatorju⁴⁶. Il-Ministri li huma wkoll Membri tal-Parlament mhumiex parti mill-iskema ta' dikjarazzjoni tal-Parlament. Għall-kuntrarju tar-reġim fis-seħħ għall-Membri tal-Parlament, din l-iskema tinkludi b'mod espliċitu ċerti interessi finanzjarji tal-konjuġi u/jew tas-šhab. Madankollu, GRECO rrakkomanda li dawn il-linji gwida jiġu promulgati f'leġiżlazzjoni, li jwessgħu l-ambitu tad-dikjarazzjonijiet u li jintroduċu kontrolli sostantivi⁴⁷.

⁴⁰ GRECO Fifth Evaluation Round – Evaluation Report, ir-Rakkomandazzjonijiet i, ii u iii.

⁴¹ Skont l-Artikolu 8 tal-Att dwar ir-Remunerazzjoni u l-Pensjonijiet għall-Ministri.

⁴² GRECO Fifth Evaluation Round – Evaluation Report, paragrafu 67-69.

⁴³ GRECO Fourth Evaluation Round – Evaluation Report, ir-Rakkomandazzjoni ii.

⁴⁴ GRECO Fourth Evaluation Round – Evaluation Report, ir-Rakkomandazzjoni iv.

⁴⁵ Is-sit web Folketinget: <https://www.ft.dk/da/medlemmer/medlemmer-uden-registreringer>.

⁴⁶ Id-dikjarazzjonijiet għandhom jinkludu impjegi (li saru attwalment u f'dawn l-aħħar ħames snin), impjeg indipendenti b'fatturat annwali ta' aktar minn DKK 50 000 (madwar EUR 6 700), interessi korporattivi ta' aktar minn DKK 50 000 (madwar EUR 6 700) (inklużi investimenti kurrenti), ftehimiet finanzjarji ma' impjegaturi preċedenti u/jew futuri, šhubija f'assoċjazzjonijiet.

⁴⁷ GRECO Fifth Evaluation Round – Evaluation Report, ir-Rakkomandazzjonijiet vii, viii.

Is-sistema Daniża ma għandhiex regoli ċari u gwida dwar kif persuni fdati b'funzjonijiet eżekuttivi ewlenin jimpenjaw ruħhom f'kuntatti ma' lobbisti. Lanqas ma hemm rekwiżiti ta' rapportar jew ta' divulgazzjoni applikabbli għal dawk li jfittxu li jinfluwenzaw azzjonijiet u politiki tal-gvern. Madankollu, filwaqt li fis-27 Stat Membru tal-UE, il-maġġoranza ta' dawk li wiegħbu jqisu li rabtiet stretti wisq bejn in-negozju u l-politika f'pajjiżhom iwasslu għal korruzzjoni, l-aktar punteġġi baxxi ġew irreġistrati fid-Danimarka (47 %) (medja tal-UE: 76 %) ⁴⁸. Il-lobbjar f'xi forma jew oħra (b'mod partikolari minn gruppi ta' interess) huwa parti aċċettata mill-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet, bl-intenzjoni li jinħoloq appoġġ fuq bażi wiesgħa għal deċiżjonijiet. Madankollu, ġie rakkomandat li jiġu introdotti regoli u gwida għal kuntatti ma' lobbisti u terzi persuni li jfittxu li jinfluwenzaw proċessi u deċiżjonijiet governattivi, u li tiżdied it-trasparenza ta' kuntatti bħal dawn ⁴⁹.

